**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 16 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Numru: 62/2013 MLF**

**Express Trailers Limited, li llum assumiet ukoll id-drittijiet kollha appartenenti lil Express Freights Limited in segwitu ghal *merger* bejn iz-zewg kumpanniji**

**vs**

**Be Independent Limited**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talab li din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha is-somma ta' sitt elef tliet mija u sitta u sittin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€6,366.82) liema somma tirrapprezenta l-ammont dovut bhala prezz ta' servizz ta' garr ta' merkanzija rez lis-socjeta' konvenuta u spejjez relatati kif jirrizulta mill-fatturi hawn annessi u mmarkati bhala Dokument "A 1" sa "A 6."

   Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

   ii. Illi t-talbiet attrici kif dedotti huma eccessivi kif ser jigi ampjament ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

4. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet;

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. Permezz ta' *email* datata 30 ta' Novembru 2011, Elaine Schembri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta talbet stima minghand Matthew Vella, rapprezentant tas-socjeta' attrici, sabiex merkanzija li kellha tigi akkwistata mis-socjeta' konvenuta tingabar minn erba' indirizzi differenti gewwa l-Istati Uniti u titwassal fil-mahzen tas-socjeta' attrici imsejjah Vanguard li jinsab fi New York. Is-suggett ta' din l-*email* kien jaqra hekk: *Quotation from door USA to store Vanguard.*[1]

   ii. Permezz ta' *email* mibghuta minn Matthew Vella fit-2 ta' Dicembru 2011, is-socjeta' attrici harget stima relattiva ghal garr ta' tlieta mill-erba' indirizzi indikati mis-socjeta' konvenuta, u infurmatha li l-istima ghar-raba' indirizz ma kienitx inharget ghaliex is-socjeta' attrici kienet ghada qed tistenna l-informazzjoni relattiva. F'din l-*email* is-socjeta' attrici specifikat li *freight charges* mill-port fl-Istati Uniti sa Malta u l-*local charges* ma kienux inkluzi f'din l-istima.[2]

---

[1] Ara l-*email* datata 30 ta' Novembru 2011 a fol. 110 tal-process.
[2] Ara l-*email* datata 2 ta' Dicembru 2011 a fol 107 u 108 tal-process.

iii. Sussegwentement, permezz ta' *email* ohra datata 11 ta' Jannar 2012, is-socjeta' konvenuta ghamlet *booking* mas-socjeta' attrici ghal garr ta' hames konsenji minn hames indirizzi differenti fl-Istati Uniti. Is-socjeta' konvenuta inkarigat lis-socjeta' attrici sabiex dawn il-konsenji jigu konsolidati gewwa l-mahzen tas-socjeta' attrici fi New York. Ghad-differenza tal-*email* datata 30 ta' Novembru 2011, is-suggett ta' din l-*email* kien jaqra hekk: *Booking from door USA to consolidate at Vanguard – to Malta.*[3]

iv. Matthew Vella, rapprezentant tas-socjeta' attrici, xehed illi hekk kif irceviet dan il-*booking*, is-socjeta' attrici bdiet taghmel l-arrangamenti necessarji mal-*partners* taghha go l-Amerika sabiex din il-merkanzija tingabar mid-diversi *suppliers* indikati mis-socjeta' konvenuta. Dan ix-xhud spjega li d-dettalji tal-*booking* kienu differenti mid-dettalji li kien inghata meta intalab johrog l-istima f'Novembru tal-2011.[4] Is-Sur Vella kompla jghid li huwa kien intalab johrog stima biss ghar-rigward tal-garr tal-merkanzija minghand is-*suppliers* tas-socjeta' konvenuta ghall-mahzen tas-socjeta' attrici fi New York, u li s-socjeta' konvenuta' qatt ma kienet talbitu stima ghall-garr tal-merkanzija mill-Istati Uniti lejn Malta. Spjega li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienu tajbin tant li f'diversi okkazzjonijiet is-socjeta' konvenuta kienet taghmel l-ordnijiet minghajr ma titlob stima. Qal li bejn il-partijiet kien hemm ftehim dwar ir-rati, izda li dawn ir-rati kienu dipendenti fuq l-ispejjez tat-trasport, li kienu jinbidlu ghab-bazi tar-regoli tas-suq u t-tibdil fil-prezz taz-zejt.[5]

v. Din il-merkanzija waslet Malta f'zewg konsenji. L-ewwel konsenja waslet fl-10 ta' Marzu 2012 u l-erba' l-ohra waslu fit-18 ta' Marzu, 2012.[6] Fit-23 ta' Marzu 2012, is-socjeta' attrici harget zewg fatturi relattivi ghal dawn il-konsenji, wahda bin-numru 41626 fl-ammont ta' €1,486.86 u l-ohra bin-numru 41710 fl-ammont ta' €4,599.08.[7]

---

[3] Ara l-*email* datata 11 ta' Jannar 2012 a fol. 106 tal-process.
[4] Ara fol 22 tal-process. Skond is-Sur Matthew Vella, ma kienux jaqblu d-dati, l-*postcode* u l-post go l-Amerika minn fejn is-socjeta' attrici kellha tigbor is-*shipments*.
[5] Ara x-xhieda ta' Metthew Vella a fol. 23 tal-process u l-kontro-ezami tieghu a fol. 113 tal-process.
[6] Ara fol 23 tal-process.
[7] Ara dawn iz-zewg fatturi immarkati bhala Dok A4 u Dok A6 rispettivament a fol. 5 u fol. 7 tal-process.

vi. Edward Tanti, Direttur fi hdan is-socjeta' konvenuta, xehed illi l-ordni kienet maqsuma f'zewg fazijiet, u cioe' l-ewwel fazi li kienet tkopri l-garr tal-merkanzija minghand is-*suppliers* tas-socjeta' konvenuta ghall-mahzen tas-socjeta' attrici fi New York, u t-tieni fazi li kienet tinvolvi t-trasport minn New York lejn Malta. Qal li s-socjeta' konvenuta kienet talbet f'diversi okkazzjonijiet permezz tat-telefon stima minghand is-socjeta' attrici anke fir-rigward tat-trasport minn New York lejn Malta. Qal li pero' s-socjeta' attrici baqghet qatt ma harget din l-istima, u li Matthew Vella kien qallu li bhala prezzijiet jistghu jimxu fuq dawk ta' ordnijiet precedenti. Skond dan ix-xhud kemm ghaliex is-socjeta' konvenuta kienet maghfusa biz-zmien u kif ukoll ghab-bazi ta' din l-affermazzjoni ta' Matthew Vella, is-socjeta' konvenuta pprocediet bil-*booking* in kwistjoni. [8]

vii. Edward Tanti kompla jghid li s-socjeta' konvenuta ma kellha ebda kontestazzjoni ghall-kont mahrug mis-socjeta' attrici rigwardanti l-ewwel fazi, u li l-prezz li kienet lesta thallas ghal din l-ordni kien dak ta' €3,287.83 u mhux l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici.[9]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Permezz ta' din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta tas-somma ta' sitt elef tliet mija u sitta u sittin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€6,366.82) rapprezentanti prezz ta' servizz ta' garr ta' merkanzija u dan ghab-bazi ta' sitt fatturi li jkopru l-perjodu mit-3 ta' Novembru 2011 sat-23 ta' Marzu 2012.

7. Is-socjeta' konvenuta wiegbet ghal din it-talba billi ressqet zewg eccezzjonijiet, u cioe' li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi, u li dawn it-talbiet huma eccessivi. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet ser jigu trattati flimkien sante li huma marbutin ma' xulxin.

8. Matul it-trattazzjoni tal-kawza, is-socjeta' konvenuta spjegat il-kontestazzjoni taghha fis-sens li hi kienet ipprocediet bil-*booking* minghajr ma kienet inharget stima da parti tas-

[8] Ara x-xhieda ta' Edward Tanti a fol. 16 tal-process u l-kontro-ezami tieghu a fol. 66 u 119 tal-process.
[9] Ara r-rendikont immarkat Dok ET1 a fol. 72 tal-process.

socjeta' attrici ghal dik il-parti tal-garr li jirrigwarda l-vjagg minn New York lejn Malta. Tinsisti li dan ghamlitu ghaliex Matthew Vella, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, kien verbalment serrah ras Edward Tanti, id-Direttur tas-socjeta' konvenuta, li bhala prezzijiet setghu jimxu fuq l-istess ftehim li kellhom f'konsenji precedenti. Is-socjeta' konvenuta tikkontendi li f'konsenja precedenti li kienet ingarret mis-socjeta' attrici madwar hmistax-il xahar qabel dik mertu tal-kawza li saret mill-istess post u li kienet ta' volum simili, il-prezz li ntalab jithallas kien ferm inferjuri ghal dak pretiz mis-socjeta' attrici fil-konsenja odjerna. Tghid ghalhekk li meta jigu mqabbla il-volumi tal-merkanzija li ingarret f'dawn iz-zewg okkazzjonijiet, il-prezz li ghandha thallas huwa ta' €3,287.83 u mhux €6,366.82.

9. Min-naha l-ohra, s-socjeta' attrici spjegat li ghal diversi ragunijiet ma setghax isir paragun bejn il-konsenja li saret hmistax-il xahar qabel u dik mertu tal-kawza, u dan peress li r-rati tat-trasport jinbidlu matul iz-zmien. F'dan ir-rigward, Matthew Vella xehed illi "*Ir-rata tinhadem a bazi tal-cost taghna li jinbidel minn xahar ghal xahar mill-USA ghal Malta ... Ir-rati jinbidlu u hija xi haga normali fix-xoghol tax-shipping. Fejn jidhol sea freight minbarra l-Ewropa, ir-rati "jifflakcujejtjaw" skont id-domanda u s-supply u skont il-prezzijiet taz-zejt minn xahar ghal xahar.*".[10] Ghalhekk is-socjeta' attrici tikkontendi li ghandha tithallas l-ammont shih minnha pretiz.

10. Din il-Qorti tibda billi tosserva illi mill-atti jirrizulta li l-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta hija limitata ghall-ordni li saret minnha permezz tal-*email* datata 11 ta' Jannar 2012 u li kienet tirrigwarda merkanzija li waslet Malta f'zewg konsenji f'Marzu tas-sena 2012. Minn dan isegwi li mis-sitt fatturi li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna, huma biss dik bin-numru 41626 fl-ammont ta' €1,486.86, dik bin-numru 41474 fl-ammont ta' €254.88 u dik bin-numru 41710 fl-ammont ta' €4,599.08[11] li qeghdin jigu kkontestati. Konsegwentement, ma hemmx kontestazzjoni fir-rigward tat-tlett fatturi l-ohra,[12] u li ghalhekk l-ammonti indikati f'dawn it-tlett fatturi huma dovuti mis-socjeta' konvenuta.

11. Ghal dak li jirrigwarda l-fattura bin-numru 41474 fl-ammont ta' €254.88, din tirraprezenta spejjez ta' demurrage, li s-socjeta attrici kellha thallas lis-shipper ta' barra minn Malta,

---

[10] Ara x-xhieda moghtija minn Matthew Vella in kontro-ezami a *fol.* 115 u 116 tal-process

[11] Ara l-fatturi immarkati bhala Dok A4, Dok 5 u Dok A6 rispettivament a fol. 5 sa fol. 7 tal-process.

[12] Ara l-fatturi immarkati bhala Dok A1, Dok A2 u Dok A3 u Dok A5 rispettivament a fol. 2 sa fol. 4 tal-process.

stante li l-burdnar imqabbad mis-socjeta konvenuta dam biex jirritorna lura l-containers. Fix-xhieda tieghu Edward Tanti, id-direttur tas-socjeta konvenuta qal li s-socjeta konvenuta mhix responsabbli li tirrizarcixxi dawn l-ispejjez ghax hi ma tahtix ghal dan id-dewmien, u huwa l-burdnar li hu responsabbli jhallas dawn il-flus lis-socjeta attrici.[13] Dan l-argument huwa manifestament legalment insostenibbli. Il-burdnar gie mqabbad mis-socjeta konvenuta, u s-socjeta attrici m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mieghu. Is-socjeta attrici ghandha relazzjoni guridika biss mas-socjeta konvenuta. Ghalhekk ladarba is-socjeta attrici kellha thallas dawn l-ispejjez tad-demurrage tort tad-dewmien tal-burdnar, hija ghandha dritt tirkupra dawn l-ispejjez minghand is-socjeta konvenuta. Il-fatt li l-isem dan il-burdnar gie suggerit mis-socjeta attrici ma jbiddilx il-pozizzjoni legali, stante li s-socjeta attrici ma kienet bl-ebda mod involuta fil-ftehim li sar bejn is-socjeta konvenuta u l-burdnar. Konsegwentement, l-ammont ta' din il-fattura ghandu jigi mhallas mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici.

12. Ghal dak li jirrigwarda z-zewg fatturi l-ohra li jirrigwardaw il-prezz ta' servizz ta' garr ta' merkanzija de quo li qeghdin jigu kkontestati, jirrizulta li l-istima mitluba mis-socjeta' konvenuta fit-30 ta' Novembru 2011 kienet tkopri biss l-ispejjez relattivi ghall-garr minghand is-*suppliers* tas-socjeta' konvenuta ghal mahzen tas-socjeta' attrici. Dan jirrizulta kemm mill-kontenut tal-*email* innifisha li taqra hekk: "*kindly issue quotation to collect it and deliver to Vanguard stores accordingly*" u kif ukoll mis-suggett indikat fl-istess *email*.[14] Is-socjeta' konvenuta tramite d-Direttur taghha Edward Tanti tinsisti li hija kienet ghamlet diversi talbiet b'mod verbali lis-socjeta' attrici sabiex din tatiha stima wkoll ghall garr tal-istess merkanzija mill-mahzen tas-socjeta' attrici fl-Istati Uniti lejn Malta. Madankollu, is-socjeta' konvenuta naqset milli tressaq provi sodisfacenti f'dan is-sens. In oltre, galadarba il-kwotazzjoni tat-30 ta' Novembru 2011 intalbet permezz tal-*email,* il-Qorti tqis li hija inverosimili l-verzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-allegati talbiet ghal stima sussegwenti saru b'mod verbali.

13. Dak li jirrizulta mill-atti processwali huwa li l-istima tat-2 ta' Dicembru 2011 giet segwita b'*email* ohra datata 11 ta' Jannar 2012 u li permezz taghha is-socjeta' konvenuta tat struzzjonjiet lis-socjeta' attrici sabiex tipprocedi bl-ordni. F'din l-ahhar *email* l-istruzzjonijiet moghtija kienu differenti minn dawk tat-30 ta' Novembru 2011. Dan

[13] Ara fol. 120 – 121 tal-process.
[14] Ara l-*email* datata 30 ta' Novembru 2011 a fol. 110 tal-process.

qieghed jinghad ghaliex f'dan il-kaz l-ordni ma kinitx limitata biss ghall-garr tal-merkanzija minghand id-diversi *suppliers* ghal mahzen tas-socjeta' attrici, izda wkoll sabiex din il-merkanzija tingarr lejn Malta, u dan kif jirrizulta *inter alia* mis-suggett ta' l-*emails* li inbidel minn "*Quotation from door USA to store Vanguard" ghal "Booking from door USA to consolidate at Vanguard – to Malta".*[15]

14. Fit-tieni lok, jirizulta wkoll li filwaqt li t-talba ghal kwotazzjoni kienet tirreferi biss ghal erba' indirizzi, l-ordni saret fuq hames indirizzi li uhud minnhom kienu differenti minn dawk indikati fl-*email* tat-30 ta' Novembru 2011. F'dan ir-rigward Matthew Vella xehed illi: "*Id-dettalji tal-booking vis-à-vis il-quote ma' kienux jaqblu ... Ma' kienx jaqbel id-dati, d-dettalji tal-collection tal-quote jigifieri l-post code u l-post go l-Amerka minn fejn gbarna ghal booking. Jigifieri l-booking huma l-klijent jaghtina d-dettalji tas-supplier, bl-indirizz u t-telephone number u hekk, dawk id-dettalji minn hamsa kienu biss jaqblu tnejn...*".[16] Il-Qorti tosserva li minkejja li l-istima mibghuta mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Dicembru 2011 ma kinitx kompluta stante li kienet tinkludi biss stima ghal tlieta mill-erba' indirizzi indikati mis-socjeta' konvenuta, ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta lmentat dwar dan il-fatt mas-socjeta' attrici.

15. Il-Qorti tosserva wkoll li kienet ghazla libera tas-socjeta' konvenuta li tipprocedi bl-ordni in kwistjoni minghajr ma kellha l-istima shiha ghas-servizzi li kienu ser jigu rezi lilha mis-socjeta' attrici. Anke jekk ghas-sahha tal-argument din il-Qorti jkollha taccetta l-verzjoni ta' Edward Tanti li huwa kien f'diversi okkazzjonijiet talab verbalment tali stima minghand ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, xorta wahda jibqa' l-fatt li s-socjeta' konvenuta ghazlet li tippocedi b'din l-ordni minghajr ma kellha fil-pussess taghha l-istima relattiva. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici fir-rigward ta' dawn il-konsenji huwa wiehed eccessiv. Dan qieghed jinghad ghaliex il-provi mressqa mis-socjeta' konvenuta f'dan is-sens huma limitati ghal paragun li s-socjeta' konvenuta qeghda tippretendi li ghandu jsir ma' konsenja precedenti li saret madwar hmistax-il xahar qabel il-konsenja *de quo*.

[15] Ara l-*emails* a *fol.* 106 u *fol.* 1l0 tal-process.
[16] Ara x-xhieda ta' Matthew Vella a *fol.* 23 tal-process

16. Din il-Qorti ma tistax tikkondividi din il-posizzjoni tas-socjeta' konvenuta kemm ghaliex jirrizulta li s-servizz provdut mis-socjeta' attrici f'dik l-okkazzjoni kien differenti minn dak provdut f'dan il-kaz, u kif ukoll ghaliex jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici ma hijiex biss ghall-hlas tas-servizzi rezi minnha imma tinkludi wkoll hlasijiet li hija ghamlet lil terzi f'isem is-socjeta' konvenuta sabiex il-merkanzija setghet tingarr lejn Malta. Ghalhekk permezz ta' dawn il-proceduri, is-socjeta' attrici qeghda gustament tfittex ghall-hlas tan-noll ghall-garr tal-merkanzija li hija wettqet a favur tas-socjeta' konvenuta. Il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li x-xhieda moghtija minn Matthew Vella f'dan ir-rigward hija wahda attendibbli u li l-ispjegazzjonijiet forniti minn dan ix-xhud huma verosimili meta kkunsidrati fil-kumpless tal-provi u tal-principji tad-dritt applikabbli.

17. Konsegwentement, il-Qorti tqis li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusifikata u ser tigi milqugha fl-intier taghha.

**Konkluzjoni**

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

    1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta.

    2. Konsegwentement, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' sitt elef tliet mija u sitta u sittin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€6,366.82), bl-imghaxijiet mid-data tal-fatturi, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur ghandhom jigu subiti mis-socjeta' konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**